**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1271/2008**

**tas-16 ta’ Diċembru 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/2008 li jiffissa d-dazji ta’ l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta’ Diċembru 2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta’ Ġunju 1996 dwar regoli ta’ applikazzjoni (dazju ta’ importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dazji ta’ l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mis-16 ta’ Diċembru 2008 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1255/2008 ([3]).

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji ta’ l-importazzjoni varjat b’EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji ta’ l-importazzjoni ffissati bir-Regolament (KE) Nru 1255/2008.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1255/2008 għandu jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 1255/2008 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-17 ta’ Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta’ Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
([3]) ĠU L 337, 16.12.2008, p. 83.

*ANNESS I*

**Dazji ta’ l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-17 ta’ Diċembru 2008**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju ta’ l-importazzjoni ([1]) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta’ kwalità għolja | 0,00 |
| | ta’ kwalità medja | 0,00 |
| | ta’ kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta’ kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 51,69 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 27,51 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ ([2]) | 27,51 |
| 1007 00 90 | SORGU f’żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 51,69 |

([1]) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta’ Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista’ jibbenefika minn tnaqqis ta’ dazju ta’:

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta’

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

([2]) L-importatur jista’ jibbenefika minn tnaqqis fiss ta’ EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

15.12.2008

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ (1) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja (2) | Qamħ iebes kwalità baxxa (3) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 179,80 | 109,35 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 233,65 | 223,65 | 203,65 | 98,82 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 12,17 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar | 26,95 | — | — | — | — | — |

(1) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(2) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(3) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 9,44 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 7,96 EUR/t |